



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12456/21

ELARG 61
COWEB 113
DELECT 216

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Ottubru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2021) 7016 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 1.10.2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-istabbiliment ta' ċerti objettivi speċifiċi u prijoritajiet tematiċi għall-assistenza taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2021) 7016 final.

Mehmuż: C(2021) 7016 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.10.2021
C(2021) 7016 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 1.10.2021

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,
fir-rigward tal-istabbiliment ta' ċerti objettivi speċifiċi u prioritajiet tematiċi għall-
assistenza taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III), minn hawn 'il quddiem "l-Istrument", jistabbilixxi fl-Artikolu 3 tiegħu l-oġġettivi ġenerali u speċifiċi, il-prijoritajiet tematiċi għall-assistenza — elaborati aktar fl-Anness II tiegħu — kif ukoll il-prijoritajiet tematiċi għall-assistenza għall-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tiegħu — elaborati aktar fl-Anness III tiegħu. L-istrument għandu jiġi ssupplimentat billi jiġu stabbiliti ċerti oġġettivi speċifiċi u priyoritajiet tematiċi għall-kooperazzjoni relatati mal-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3, il-punti (a) sa (m) u l-paragrafu 4, il-punti (a) sa (j).

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni sostanzjali ma' esperti mill-Istati Membri tal-UE, li ġeneralment appoġġaw il-kontenut tal-att matul iż-żewġ laqgħat li saru. Abbozz ta' dan ir-Regolament Delegat tqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Barra minn hekk, il-kummenti tal-partijiet ikkonċernati dwar l-abbozz tar-Regolament Delegat inġabru fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' feedback għal Regolamentazzjoni Aħjar matul il-perjodu bejn is-26 ta' Lulju u t-23 ta' Awwissu. Waslu kummenti minn 4 entità (organizzazzjonijiet internazzjonali, membri tas-soċjetà ċivili).

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-att delegat jistabbilixxi l-oġġettivi speċifiċi u l-prijoritajiet tematiċi għall-assistenza relatati mal-kwistjonijiet deskritti fil-paragrafu 3, il-punti (a) sa (m) u l-punt (r) u fil-paragrafu 4, il-punti (a) sa (j) tal-Artikolu 3 tal-Istrument u elaborat aktar fl-Annessi II u III tiegħu.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 1.10.2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-istabbiliment ta' ċerti objettivi speċifiċi u priyoritajiet tematiċi għall-assistenza taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(6) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Annessi II u III tar-Regolament 2021/1529 jistabbilixxu l-priyoritajiet tematiċi għall-assistenza.
- (2) Objettivi speċifiċi u priyoritajiet tematiċi għall-assistenza għandhom jiġu żviluppati aktar permezz ta' dispożizzjonijiet addizzjonali li jissupplimentaw ir-Regolament 2021/1529.
- (3) Dan ir-Regolament ikopri ċerti objettivi speċifiċi u priyoritajiet tematiċi għall-assistenza msemija fl-Artikolu 3, il-paragrafu 6, tar-Regolament 2021/1529,
- (4) Sabiex tiġi żgurata l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-ipprogrammar u l-finanzjament skont ir-Regolament 2021/1529 mingħajr dewmien, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-objettivi speċifiċi u l-priyoritajiet tematiċi għall-assistenza relatati mal-kwistjonijiet imsemija fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3, il-punti (a) sa (m) u l-punt (r) u fl-Artikolu 3, il-paragrafu 4, il-punti (a) sa (j) tar-Regolament (UE) 2021/1529, huma stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

¹ ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1.10.2021

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN